MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2009

Numru. 297/2009

Il-Pulizija
(Sp Sandra Zammit)
vs
Christian Joe Falzon, iben Vincent, imwieled Pieta' fis-27 ta' Ġunju, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta' Marzu, 2009 għal ħabta ta' bejn id-9.39 a.m. u l-9.50 a.m. ġewwa Triq il-Kbira, Ħaż-Zebbuġ mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja tal-Gwardjan Lokali Paul Borg, G418, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, iżda bil-ħsieb li jagħmel delitt, liema delitt huwa ta' ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess Gwarjan Lokali Paul Borg, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt

ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volonta' tiegħu;
2. talli bl-imġieba tiegħu, ikkaġuna lill-Gwardjan Lokali Paul Borg, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, jibża li ser tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta' tiegħu;
3. talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanżi, attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb kontra l-Gwardjan Lokali Paul Borg, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kien jaġixxi għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħti skkond il-liġi mill-awtorita' kkompetenti;
4. talli kkaġuna lill-istess Gwardjan Lokali Paul Borg, persuna nkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku, feriti ta' natura ħafifa skond kif iċċertifika Dr. Tania Mizzi M.D. tal-polyclinic ta' Ħall-Qormi;
5. talli ġewwa Triq il-Kbira, Ħaż-Żebbuġ saq il-vettura ta' l-għamla Fiat Uno, bin-numru tar-reġistrazzjoni AAV765, b'manjiera perikoluza, traskurata u bla kont.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.
Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, b'żieda mal-piena, tiskwalifika lill-ħati milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien li l-Qorti jidhirlha xieraq.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Marzu, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu. Rat il-fedina penali netta u l-ammissjoni bikrija ta' l-imputat. Rat l-artikoli 41, 214, 216, 251B u 221 tal-Kodiċi Kriminali, l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 19(1) tal-Kapitolu 389 tal-Liġijiet ta' Malta. Tikkundannah għal piena ta' xahar priġunerija. Rat l-artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali u tordna

li tali piena ma seħħ ħlief jekk l-imputat jikkometti reat ieħor li għalih hemm il-piena tal-priġunerija fi żmien sena mil-lum.  Rat l-artikolu 28H tal-Kodiċi Kriminali u tordna lill-imputat li jħallas lil Paul Borg is-somma ta' elf u ħames mitt euro (€1,500) danni fi żmien sitt xhur mil-lum.  Fiċ-ċirkostanżi ta' dan il-każ mhemmx lok għas-sospensjoni tal-liċenzja tas-seweqan ta' l-imputat.  Lanqas hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali billi ma tqabbdu ebda esperti f'din il-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------